

It-Tlieta 19 ta' Ottubru 2010

P7_TC1-COD(2009)0051

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Ottubru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1236/2010.)

ANNEX

Stqarrijiet dwar l-Artikolu 51

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li kwalunkwe dispożizzjoni ta' karattru mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv ta' bażi, li issa huma elenkati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (delega ta' kompti), tista' fi kwalunkwe waqt fil-ġejjieni ssir element sinifikanti tal-iskema ta' kontroll eżistenti tan-NEAFC minn perspettiva politika, f'liema każ il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li ż-żewġ leġiżlaturi, il-Kunsill jew il-Parlament Ewropew, jistgħu minnufih jeżerċitaw jew id-dritt ta' oġġezzjoni għal abbozz ta' att iddelegat tal-Kummissjoni jew id-dritt ta' revoka tal-kompti ddelegati kif stipulat rispettivament fl-Artikolu 48 u l-Artikolu 49 tar-Regolament."

"Il-Kunsill u l-Parlament jaqblu li l-inklużjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-iskema ta' kontroll tan-NEAFC f'dan ir-Regolament bħala element mhux essenzjali, issa elenkata taħt l-Artikolu 51, ma timplikax per se li t-tali dispożizzjoni awtomatikament se titqies bħala ta' natura mhux essenzjali mil-leġiżlaturi fi kwalunkwe regolament tal-ġejjieni."

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet rigward l-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 TFUE jew għal atti leġiżlattivi individwali li jkun fihom tali dispożizzjonijiet."

L-approvazzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku ***

P7_TA(2010)0364

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku (11076/2010 – C7-0181/2010 – 2010/0042(NLE))

(2012/C 70 E/20)

(Kunsens)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (11076/2010),
- wara li kkunsidra t-talba għal kunsens magħmula mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2), u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0181/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 81 u l-Artikolu 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0262/2010),

1. Jagħti l-kunsens tiegħu dwar l-emenda għall-Konvenzjoni;

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010

2. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iwaqqfu, qabel ma jinfetħu n-negozjati dwar ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qafas tal-Organizzazzjonijiet tas-Sajd Reġjonali li għandha titwettaq mill-UE, l-iskemi meħtieġa biex jiżguraw il-parteciġazzjoni xierqa fihom mill-osservaturi tal-Parlament;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral.

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna *I**

P7_TA(2010)0368

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (COM(2010)0085 – C7-0086/2010 – 2010/0054(COD))

(2012/C 70 E/21)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0085),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0086/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tad-29 ta' April 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-13 ta' Ottubru 2010 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit skont l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0263/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 145, 3.6.2010, p. 4.